MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 240/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-15 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta’ Marzu 1999 f’l-Ingilterra u z-zwieg sussegwentement gie registrat hawn Malta jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A) u certifikat ta’ registrazzjoni (Dok B).

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posisttiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew iktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Marzu 1999 l-Ingilterra u s-sussegwenti registrazzjoni tieghu hawn Malta.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomineipprezentata fit-18 ta' April, 2006 li permezz taghha eccepew;

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissotomettu eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta’ l-attrici u ta’ omissis;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-6 ta’ Marzu, 1999 a bazi ta’ l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenut ma ppresentax provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*F’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kapriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*” (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991). Dan japplika anke f’kaz ta’ ammissjoni izda japplika izjed f’kaz fejn il-konvenut hu rappresentat minn kuraturi illi ppresentaw l-eccezjonijiet taghhom sija pure fil-kuntest li ma ghamlux kuntratt mieghu ghaliex ma hemmx indikazzjoni fejn jinsab.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja

psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti ikun inkiseb b'eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-partijiet izzewgu bl-iskop uniku li l-konvenut ikun jista' jibqa' jghix Malta u jsib ix-xoghol. Dan tammettih l-attrici fl-affidavit taghha; hija lanqas biss qalet lill-genituri taghha illi kienet izzewget lill-attur l-Ingilterra f'wahda mid-drabi li siefret mieghu. Jidher car nuqqas ta' pjanar da parti taghhom biex iz-zwieg seta' jkollu success; ghalhekk ma hemmx dubbju illi z-zwieg ghandu jkun iddikajrat null skond is-sub-incizi ndikati mill-attrici.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-6 ta' Marzu, 1999. L-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------